# MALTA MISSJUNARJA – IL-21 PARTI

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi



Wiċċ ħelu u innoċenti ta' tfajjel Eskimiż.

Fit-tieni parti tar-rokna letterarja, *L-Għana tal-Ġnus*, li kienet tidher kull xahar fil-*Paġna Għat-Tfal mill-Missjunarju x-Xiħ* bejn Jannar 1965 u Diċembru 1967, se nkomplu b'aktar għanjiet, bl-ewwel waħda ġġib l-isem ta' **Seħer**: *Imqajjem min-ngħas qalb is-siġar; / niftaħ għajnejja tqal u nilmaħ / il-gawwi bajdani jittajjar fil-port / f' inżul ix-xemx.* / (It-tieni strofa) *Forsi jien waħdi li l-ġmiel / qiegħed nara ta' din id-dehra!* [COREA] (Sena XXXIII, April 1965, nru.4, p.79). Din l-għanja bl-istess isem nerġgħu niltaqgħu magħha f'ħarġa oħra: *Imqajjem min-ngħas qalb is-siġar tal-pini, / niftaħ għajnejja tqal u nilmaħ / il-gawwi bojod li jtiru fil-port / ma' nżul ix-xemx. / X'aktarx li jiena waħdi / nifhem il-ġmiel ta' din id-dehra!* [Kim Samh Yong (1675-1721) – poeta Korean] (Sena XXXIV, Ġunju 1966, nru.6, p.143).

Niġu issa għal żewġ għanjiet Eskimiżi; waħda t'omm biex tħannen lit-tarbija tagħha ħa torqdilha u l-oħra ta' wieħed li fiha jsellem bil-ferħ lix-xemx u lis-sema kaħlani: (1) *"Kemm huwa mqareb ibni! / Xi ġmiel ta' wiċċ sabiħ! / Donnu biċċa silġ żgħira fl-ilma / jaqbeż / jitbandal / jilgħab / Bħal biċċa silġ żgħira fl-ilma. / Aya aya jek! / Erfa' għajnejk / u ħares lejja / Biċċa silġ żgħira fl-ilma."* [Omm Eskimiża tħannen lit-tarbija biex torqod] (Sena XXXIII, Marzu 1965, nru.3, p.59); (2) **Is-Sajf**: *O sħana tas-sajf illi timla / lil dan il-pajjiż! / Lanqas żiffa ta' riħ ma qed tonfoħ / u la sħaba ma tidher. / U qalb l-iġbla qed tirgħa l-għażżiela*[1] */ taħt sema kaħlani. / Minsub mal-art nitniehed: / O x'telfa ta' hena!* (Sena XXXIII, Ġunju 1965, nru.6, p.119).

Insibu wkoll tliet poeżiji Sudaniżi: (1) **Il-Margerita**[2]: *Darba kien hemm fjura ċkejkena / li kien jisimha 'margerita'. / L-għasafar żgħar qalulha: / "Margerita, agħtina ġmielek / biex ngħannu fuq is-siġar!"* [Poeta

---

[1] Annimal ftit iżgħar minn ċerva b'għonq xi ftit twil, u b'par qrun dritti, magħruf għall-eleganza u għall-ħeffa tiegħu.

[2] Xitla b'weraq tawwali tagħmel fjur b'petali bojod b'dabra safra fin-nofs, tikber l-aktar fil-ħarifa u fix-xitwa, imsejħa wkoll settembrina.



Il-margerita, magħrufa wkoll bħala s-settembrina.

Afrikan] (Sena XXXIV, Novembru 1966, nru.11, p.263); (2) **Il-Margherita**: *"Jien nibqa' fil-ħaxix / u ġmieli ma nagħtix." / Allura l-għasafar żgħar / qalu lil ommhom: / "Aħna nieklu l-Margherita / li ma tridx tagħtina ġmielha." / Omm dawk iż-żgħar qaltilhom: / "M'għandkomx tieklu dak il-fjur / għax huwa sbejjaħ ħafna / u l-ġmiel m'għandux jinqered." / U l-fjura tinsab hienja / għax ma kiluhiex l-għasafar.* [Ndaya[3], Sudan] (Sena XXXV, Settembru 1967, nru.9, p.214); (3) **Tħannina**[4]: *'Il bogħod tinsab il-jena[5], / u kalm huwa l-ispirtu; / orqod, ibni, orqod / u strieħ fis-sliema! / L-iljunfant huwa marbut, / Għalhekk orqod bis-sliema!* [Mis-Sudan] (Sena XXXV, Awwissu 1967, nru.8, p.190). Din it-taħnina tfakkarna f'oħra Maltija, 'Orqod ibni, orqod', li dari kienet titgħanna mill-ommijiet biex iħannu lit-trabi tagħhom waqt li jbennuhom fin-nieqa jew fuq dirgħajhom.

Hemm imbagħad għanjiet oħrajn li fihom jissemma xi pajjiż jew ieħor: **Poeżija tal-Piramidi**, bi tliet terzini novenarji: (1) *Illum*



Piramidi assoċjati mal-Eġittu tal-qedem.

---

[3] Nyala hija l-kapitali tal-istat ta' Darfur t'Isfel, fil-Lbiċ tas-Sudan.

[4] Tqanqil ta' ngħas b'għana ħafif.

[5] Bhima feroċi u karnivoru jiekol l-aktar il-mejtin. Jgħix fl-Afrika u fl-Asja.


'It-Triq tal-Buddha', poeta anonimu.

*għandi lill-mewt quddiemi / bħas-saħħa li jsib il-marid, / bħal min, wara li jimrad, joħroġ. /* (2) *Illum għandi lill-mewt quddiemi / bħall-mirra li tfuħ, / bħal min jistrieħ taħt tinda f'jum ta' riħ. /* (3) *Illum għandi lill-mewt quddiemi / bħal min jixtieq li jara lil daru wara snin twal ta' ħabs.* [Manuskritt misjub f'qabar qadim fl-Eġittu] (Sena XXXIV, Ottubru 1966, nru.10, p.239); **Hawn Hija Raroia**: *Imsieħba mill-gawwi bajdani / għaddejja l-kenura / mill-bieb tal-qawsalla / lejn l-art. / Raroia misjuba, / hawn hija Raroia, / il-gżira ta' żiffiet ħelwa. / Il-għana ta' ferħ jitħallat / mal-ħoss tal-imqadef. / Hawn hija l-art tagħna*[6]. (Sena XXXV, Mejju 1967, nru.5, p.118); **Il-Muntanja Fuji**[7]: *Il-ġebel Fuji hu hekk għoli u nobbli, / li saħansitra wkoll is-sħab, / imxennqa li jitilgħu lejn is-sema, / jieqfu mbeżżgħa mal-quċċata tiegħu.* (Poeta Ġappuniż) (Sena XXXV, Ġunju 1967, nru.6, p.142). Ma' dawn inżidu tnejn oħrajn mill-pinna ta' Mario Riccò [jew Ricci] (1927-2004): **Milied fl-Alaska**: *Għaddejja fuq is-silġ / is-slitti bojod. / Jidhru beżżiegħa / donnhom għajjiena. / Sinjur Ġesù, / ressaq is-slitti / maġenb is-sħana / tan-nieqa Tiegħek.* (Sena XXXIII, Diċembru 1965, nru.12, p.251); Ġo qalbi l-presepju / *Fih biss lil Ġesù; / Madwaru wċuħ imxennqa / Ċiniżi u Indjani, / Tal-Ġappun u Afrikani. / U Ġesù Tarbija / Mhux qed jibki iżjed.* (Sena XXXV, Diċembru 1967, nru.12, p.286). M'għandniex xi ngħidu li din l-għanja natalizja hija marbuta max-xahar ta' Diċembru.

Għanjiet oħrajn nistgħu niġbruhom kif ġej għall-mod kif inhu mibni

[6] Raroia jew Polinesja, hija forsi l-għanja li l-antenati għannew, ħafna sekli ilu, meta emigraw u rawha l-ewwel darba, tielgħa mill-baħar.

[7] Il-muntanja Fuji, l-ogħla waħda fil-Ġappun, hija simbolu ta' dan il-pajjiż.

isimhom: (1) **L-Għasfur fil-Gaġġa**: *Għala tinsab hekk imgezzez / għasfur ċkejken? / Deffist munqarek żgħir safrani fix-xibka... / Xi ħsibt li se ssib? / X'ħasra / il-bluha ta' għasfur maqbud fix-xbiek!* [I Chien Ion (1288-1367) – poeta Korean] (Sena XXXIV, Marzu 1966, nru.3, p.71); (2) **It-Triq ta' Buddha**: *Hemm it-triq tal-mewt u tal-ħajja / li f'din id-dinja tbeżżagħna... / Għandi jien ngħaddi minnha / bla ma nkun naf fejn jien sejjer?* (It-tieni strofa) *Bħal weraq imxerrda, min-naħa, minn oħra, / mar-riħ tal-ewwel ħarifa, / tqaċċatna mill-istess fergħa. / Jien ma nafx fejn qatt mort inti.* (It-tielet strofa) *Imma jien, li narak ġewwa l-Ġenna, / nistenna l-waqt billi nimxi fit-triq ta' Buddha.* [Poeta ma nafux ismu] (Sena XXXIV, Awwissu 1966, nru.8, p.191); (3) **Talba ta' Xwejjaħ**: *Ir-riħ, meta nħall is-silġ mill-iġbla / fir-rebbiegħa, / f'daqqa waħda ma jafx fejn jonfoħ iżjed. / Ja riħ ir-rebbiegħa, / li nieħdok għal ftit taż-żmien / jiena nixtieqek / sabiex tonfoħ fuq rasi: / biex hekk int tista' tħoll il-brija[8] / minn ġewwa xagħri.* [U Tak[9] (1262-1342) – poeta Korean] (Sena XXXIV, April 1966, nru.4, p.95); (4) **Dawl ta' Qamar**: *Araħ, ħabib! / Dan il-baħar hekk ħiemed! / Araħ, ħija, / Maħbub ħija, / Dan id-dawl hekk ħelu, / Dan id-dawl ta' qamar! / Jekk jiena nibki, / Nibki għalik!* [Għanja ta' tifel bogħod minn daru. Papua, New Guinea[10]] (Sena XXXV, Ottubru 1967, nru.10, p.238). ■

---

[8] Frak li jinqala' minn mal-qorriegħa jeħel max-xagħar sakemm jitfarfar.

[9] Magħruf ukoll bħala Woo Tak. Kien skular u filosfu Korean Neo-Konfuċjan matul id-dinastija Goryeo tal-Korea. Bħala ismijiet tal-pinna kien juża Baekun u Danam, Cheonjang u Takbo bħala dawk ta' korteżija, filwaqt li dak postumu kien Moonhee. U Tak, li kien dixxiplu tal-iskular Neo-Konfuċjan, An Hyang, għen biex din il-filosofija Ċiniża, li kienet ġejja mid-dinastija Yuan, tinxtered fil-Korea.

[10] Dan il-pajjiż jikkomprendi nofs il-Lvant ta' Guinea Ġdida u l-gżejjer li hemm qribha. Bħala pajjiż multi-kulturali u ta' diversità bijoloġika, huwa magħruf l-aktar għax-xtajtiet tiegħu u s-sikek tal-qroll. Fil-qalba tal-pajjiż insibu l-vulkani, il-granit tal-muntanja Wilhelm, il-foresti tropikali densi u r-rotot għall-ħajk, fosthom il-mogħdija Kokoda.


TFAL MISSJUNARJI



Programm għat-tfal bi produzzjoni ta' MissioTfal u preżentazzjoni ta' Claudia Cini bl-għajnuna ta' Nancy Camilleri.

Kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Ġimgħa fit-3:30pm fuq Radju Marija 102.3FM (Malta) / 107.8FM (Għawdex).

missioTFAL